KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 350**

**T-Tnejn 18 ta' Diċembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**350.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

350.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**350.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

350.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 349. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 349 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**350.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

350.3.1 Is-Sindku qalet li l-Kunsill irċieva risposta dwar l-applikazzjonijiet għal miżuri 4.3 u 4.4 mill-Fondi Għall-Iżvillupp Rurali tal-Unjoni Ewropea. Għal miżura 4.3 li tipromwovi titjib ta' Toroq Rurali il-Kunsill ingħata approvazzjoni ta' €764,721 li minnhom il-Kunsill irid joħroġ 10% b'total ta' €76,472. Għal miżura 4.4 li tiffoka fuq restawr ta' Ħitan tas-Sejjiegħ fiż-żona Rurali l-Kunsill ingħata approvazzjoni ta' €33,995 li minnhom il-Kunsill għandu joħroġ 20% b'total ta' €6,799.

**350.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

350.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**350.5 Pjazza Millied postmortem.**

350.5.1 Is-Sindku qalet li l-attivita; kienet suċċess. Hi rringrazzjat lil kull min ta' s-sehem tiegħu. Il-Viċi Sindku qal li l-attendenza kienet aħjar mis-sena l-oħra speċjalment fil-ħin ta' wara nofs in-nhar.

**350.6 Kunsill Lokali għat-Tfal.**

350.6.1 Is-Sindku resqet Mozzjoni dwar it-twaqqif tal-Kunsill Lokali tat-Tfal. Saret diskussjoni dwar il-mozzjoni. Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li jkun tajjeb li dan il-kunsill tat-tfal iservi bħala advisory pannel fuq materji li l-Kunsill ikollu quddiemu li jirrigwardaw it-tfal. Il-Mozzjojoni ssekondata mill-Kunsillier Clayton Cutajar ġiet approvata b'mod unanimu. Il-mozzjoni hi mehmuża ma dawn il-minuti.

**350.7 Xogħlijiet fi Triq Kilpa, Triq Nerik Vassallo u Triq San Gorg Preca.**

350.7.1 Is-Sindku aġġornat lil Kunsilliera b'rabta max-xogħlijiet ta' għoti ta' wiċċ ġdid f'parti minn Triq Nerik Vassallo u Triq San Ġorġ Preca. Is-Sindku

qalet li TM approvaw ix-xogħlijiet u beda xogħol preparatorju marbut mal-kejl tat-Triq. Ix-xogħol fuq it-Triq se jibda f'Jannar. Fir-rigward ta' Triq Kilpa s-Sindku qalet li Transport Malta infurmaw lil Kunsill li x-xogħol se jkun lest sa l-aħħar tas-sena.

**350.8 Regolamenti dwar l-Akkwist Publiku.**

350.8.1 Is-Segretarju ġie mistieden jispjega t-tibdiliet fil-liġi li se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2018. Is-Segretarju ppreżenta lil membri t-tibdiliet ewlenin u li l-aktar li ser jaffettwaw l-operat tal-Kunsill Lokali fosthom il-mod li bih jkunu aġġudikati t-tenders.

**350.9 Rapport tal-korrispondenza**

350.9.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċeiva bejn it-Tlieta 28 ta' Novembru u t-Tnejn 18 ta' Diċembru.

**350.10 Materji Konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

350.10.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-applikazzjonijiet fis-Siġġiewi rreġistrati mal-Awtorita tal-Ippjanar bejn it-Tlieta 28 ta' Novembru u t-Tnejn 18 ta' Diċembru.

**350.11 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

350.11.1 Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo tkellem dwar idea ta' Community Fridge, hu għandu jġib aktar dettalji dwar kif din tista' tkun operata. Hu ressaq ukoll ilment li fi Triq ir-Rebbiegħa hemm bozza maqtugħa quddiem dar numru 84.

350.11.2 Il-Kunsillier Nicholas Cassar ressq żewġ suġġerimenti biex issir talba għal stage fejn Binja Hesri, u zebra crossing ħdejn l-aħħar stage tal-linja fi Triq Mons. Mikiel Azzoppardi.

350.11.3 Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem dwar il-problema ta' nuqqas ta' ħaddiema mal-Kunsill, sar qbil li ssir talba diretta lis-segretarjat tal-Kunsilli Lokali biex ningħataw ħaddiema mill-IPSL kif ukoll li tinħareġ sejħa għal servizz ta' handyman biex jgħin imqar darba f'ġimgħa lil ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsillier tkellem ukoll fuq bzonn ta' barrier fit-telgħa ta' Għar Lapsi fejn l-RO.

**350.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

350.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**350.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

350.13.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2018 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 22 ta' Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |